# IR-RSIR TAX-XWIENI

*'Ir-Rsir tax-Xwieni', ġrajja ta' Malta miktuba bil-Franċiż minn A. De Kermainguy, ġiebha bil-Malti Ġanni Vassallo u stampaha l-ewwel darba fl-1892. Miktuba b'Malti tajjeb u mexxej u għalhekk ingħoġbot ħafna u ġiet stampata iżjed minn darba. Il-ġrajja hija ta' żmien il-Grammastru Pintu u qiegħda, l-iżjed, dwar il-konfoffa ta' l-irsiera taħt il-Baxa ta' Rodi 1749 u tibda bid-daħla f'Malta tal-Baxa, irsir fuq ix-xini tiegħu.*

KIEN daħal il-lejl, wieħed minn dawk il-ljieli ċari tal-Lvant li fih is-sema ikħal bħan-nir jiddi miksi bil-kwiekeb; u l-baħar ma' kull għaddsa ta' moqdief jilma b'dawl mill-isbaħ. Fis-sema, fl-arja u fuq l-ilma kien difa mill-ikbar, u dak il-baħar kollu ta' l-Arċipelagu kien donn u rieqed f'hena li jgħaxxaq.

Fuq ix-xini kollox kien ħiemed; ma kienx jinstema' ħlief il-ħoss ta' l-imqadef iħabbtu mal-bord, u lehġa ta' sider il-baħrin, waqt li b'sieqhom il-lemenija ippuntanta fuq il-maqgħad ta' quddiem, kienu jirtefgħu minn fuq il-maqgħad l-ieħor li kienu inkatnati miegħu, jitfgħu l-moqdief lejn il-poppa u jerġgħu jiġbduh kemm għandhom saħħa u ħila lejhom, waqt li jinxteħtu waranijiet fuq il-maqgħad fejn kienu kull darba jaqgħu b'dirgħajhom imġebbdin. Iżda barra minn dak il-ħoss ta' ktajjen, ta' mqadef u ta' isdra jilhġu, li qatt ma jaqta' fuq xini miexi bħal għajjat ta' l-indannati fl-infern, xejn iktar ma kien jinstama'. Tul il-ġurnata kien hemm ħoss ieħor, dak tal-għajjat, tas-swat tal-frosta, tal-kmandi; iżda f'dak il-ħin tal-lejl, u għall-mistrieħ tal-Baxa, u fuq dak il-baħar hekk kwiet, kollox kien waqa' fil-ħemda. Il-padrun li kien qiegħed fuq iċ-ċorma u fuq l-għaxra sħabu taħt l-ordnijiet tiegħu, u t-tmunier dejjem f'postu, kienu donnhom reqdin, u s-sotta padrun, bil-wieqfa ħdejn l-arblu majjistru biex jieħu l-ordnijiet u jwassalhom, ħadu n-ngħas u bla ma qagħad jistenna t-tisfira tal-kmand kien qiegħed b'rasu mgħaddsa jonħor.

Iżda fil-poppa, fil-qatgħa għaliha li fuq kull xini kienet tkun mifruda mill-maqgħad tal-qaddiefa, wieħed raġel kien baqa' jishar. Fuq rasu kienet miftuħa tinda li ma kinetx tal-kurdunat aħmar bħal dawk tax-xwieni tat-tużżana, jew ta' padruni imma tad-damask porpra bil-freneż tad-deheb,

għax ix-xini, kien kaptan. Ġmiemen tal-ħarir kienu mdendlin ma' kull frenża u jibqgħu neżlin sa fuq il-balavostri tal-fidda mastizz li kienu jagħalqu dik il-qatgħa li kienet miżmuma b'għożża kbira.

Mustafà, Baxa ta' Rodi, ta' Metelin u taċ-Ċiliċja, mixħut fuq tapiti ta' Żmirni u mħaded tal-brukkat, kien qed ipejjep b'bokkin tal-għambra u b'qasba tal-ġiżimin, tabakk ta' Latakja. Għarkubtejh ftit bogħod minnu, tfajjel irsir kien qiegħed iħammel ir-rmied tal-pipa twila twila, waqt li minnar tal-misk kienu telgħin, f'duħħan ħafif, irwejjaħ ta' l-akbar fwieħa.

Mustafà kien iħares issa lejn is-sema kollu kwiekeb, issa lejn il-baħar jilma, issa lejn l-imqadef tax-xini mgħottijin l-abjad u kollha mnaqqxin bid-deheb, li kienu jirtefgħu flimkien, u flimkien igħoddsu ġo l-ilma; iżda la l-kwiekeb tas-sema, la d-difa tal-baħar, lanqas it-tbatija tan-nies ma kienu jġibuli swied ta' qalb. Kellu mnejn kien qiegħed jaħseb f'Osman, il-Gran Viżir imniżżel mit-tron; kellu mnejn kien qiegħed jaħseb f'ħuh li kien tant miġjub mis-Sultan, u li kellu wieħed mill-ogħla impjegi fil-ħarem; kellu mnejn ukoll, ta' Tork li kien, ma kien qiegħed jaħseb f'xejn, jongħos biss; xħin, f'daqqa waħda, ix-xini jieqaf, tidwi f'widnejh għajta miftiehma, għajta ħarxa u wisq magħrufa mit-Torok, l-għajta li kienu jsemmgħu l-Kavalieri ta' Malta quddiem il-għadu: San Ġwann ! Viva San Ġwann !

Għal dik il-għajta, ir-rsiera kollha, li kienu mija u wieħed u erbgħin ruħ, u li kien irnexxielhom qabel jillimaw il-ktajjen, irħew l-imqadef u qamu. Kienu l-biċċa l-kbira Maltin imjassrin fuq ix-xini maġistral San Gabriel li kien ġie maqbud mit-Torok ftit snin qabel fi żmien il-Grammastru Rajmond Despuig. Sitta u erbgħin qaddiefa griegi ngħaqdu magħhom; u waqt li tqassmu b'mod li ma jħallu jsir l-ebda ftehim mal-fond tax-xini, taw is-salt fuq it-Torok, li għad li kienu meħudin għal għarrieda, iddefendew irwieħhom b'qalb ta' sur, u qatlu jew darbu għaxra minn tagħna. Iżda dawn, li qatlu lil xi wħud u tefgħu l-baħar l-oħrajn, baqgħu fl-aħħar sjied ix-xini b'għoxrin priġunier tork, fosthom Mustafà Baxa ta' Rodi.

Imbagħad fetħu l-qlugħ u salpaw għal Malta. U dan ix-xini hekk minnhom meħud kien dak li wasal fuq Malta t-tieni jum ta' Marzu 1749 (?), u li d-daħla tiegħu fil-port tant għaġġbet lill-Maltin u lill-Kavalieri.

*In-nies ewlenin tar-rumanz huma: Dimitri l-Persjan, ir-rsir tax-xwieni, miġnun wara Żelina s-Sewda, il-ħelwa ballerina, iżda Żelina kienet tilfet għaqalha wara l-Kavalier d'Alerja, in-neputi tal-Grammastru li, jaħasra, xejn ma kellu ħsiebha; Giaċja, il-Lhudija, li magħha kienet toqgħod Żelina; Karmaħmed, l-Iswed, sieħeb Dimitri. Barra minn dawn insemmu li fil-Palazz Laskri kien hemm sinjura Ġinwiża, Gejtana, imsaħħra wara Dimitri iżda jgħidu li kienet għarusa tas-sultan Teodoru ta' Korsika li minn għandu Pintu ried jikseb din il-gżira biex isir re tagħha, u jsib..... id-deheb fiha.*

Pintu kien faqqar it-Teżor u rvina l-Università bil-ħela tiegħu u bis-self ta' flus ta' sikwit. Kien tah ġenn biex isir re ta' Korsika u biex isib ħaġret-il-għerf. Ħadd daqsu ma kien għajjur għas-setgħa, għad-drittijiet, għall-ġieħ tas-saltna, inqas ħadd ħliefu ma għaraf jifhimhom u jgħożżhom. Millbqija kont tkellmu kif trid, u d-dħulija tiegħu u l-ħlewwa tal-manjeri tiegħu kienu jwaqqgħu lil kull min jersaq lejh.

*Narawh ftit fil-Palazz tiegħu.*

Il-Palazz tal-Granmastru jiġi fl-ogħla post tal-Isien ta' art b'żewġ xaqlibiet li fuqu hija mibnija l-belt Valletta, u qiegħed sewwa sew f'nofsha, b'misraħ biswitu li dak iż-żmien kien jissejjaħ il-Pjazza tal-Kavalieri. Qiegħed għalih waħdu, u fih erbat ibwieb mnejn tidħol, tnejn fil-faċċata, wieħed fuq il-lemin tiegħu, u l-ieħor warrani.

Dik il-lejla wieħed kavalier daħal il-Palazz. Kien raġel imdaħħal fiż-żmien, imma għadma tajba, għax tala' t-taraġ donnu għasfur; kien wieħed mir-rjus kbar ta' l-Ordni, għax il-għasses ħarġu malli rawh, u ipprezentawlu l-armi.

Il-Kavalier de Guedes, għax hu kien li kien tiela' għand is-sultan, kien Balliju d'Aquila, u wisq ta' ġewwa mas-Sultan li kien qaribu. Din ħaġa li kien jafha kulħadd; imma mbagħad kienu jingħadu ħwejjeġ oħra fuqu minn taħt iltaħt. Kienu jgħidu li hu jinqala' wisq għall-għerf ta' bilmoħbi, li minn żmien qabel kien iġiegħel lil Pintu jemmen fil-għerf tas-seħer u li kien ta' kull lejla jitla' l-Palazz jaħdem miegħu.

Għandu jkun li ma kienx wasal il-ħin li jidħol, jew qabel ma jidħol ried jiġbor ftit il-ħsibijiet tiegħu, għax dam ħin twil jippassiġġa fil-kurituri u fis-saluni li jieħdu għallkmamar tas-Sultan, b'rasu mgħaddsa fuq sidru bħal wieħed imgħobbi b'ħafna ħsibijiet.

Fl-aħħar iffaċċa paġġ minn bieb li sa dak il-ħin kien baqa' magħluq, u l-Kavalier de Guedes, Balliju d'Aquila, ħafif ħafif daħal ħdejn il-Grammastru.

. . . . . . . . . . . . .

"Xi tgħidli għal D'Alerja?" kompla l-Grammastru, "jidhirli li hu żagħżugħ li fih x'wieħed jittama. Xejn ma jidher irid javvanza; imma 'l quddiem jitbiddel! Ġurnata nlaħħquh floki, mhux bħala Grammastru, għax inqas irid biss isir Kommendatur; imma bħala re ta' Korsika, għax irrid li warajja dik il-Gżira ma taqax fuq l-Ordni: jibqgħu jgawduha niesi."

"Ħallik minn min tqiegħed minn flokok, u minn min jirtek Monsinjur! Għad ma wasalx iż-żmien li taħseb f'dan, għad fadallek tgħix Alla jaf kemm-il-sena oħra u ħaġret-il-għerf, u xorb-il-ħajja, ma għandhomx jassikuraw lil dak li jkollu x-xorti jiksibhom, ġid mill-aktar, saħħa li ma tiġi qatt nieqsa, biex ma ngħidlekx ukoll li ma jmut qatt? Ma għandekx jewwilla fidi fil-għerf bil-mistur, li ma jinkitibx, imma jingħad minn fomm għal fomm? U għax in-nies ma jafux u ma jemmnux, ma tarax int f'dan il-għama u f'din l-injuranza għamil il-ħaqq t'Alla li ma jħallix li sigriet hekk għażiż ikun magħruf mill-ħżiena? Basta ngħidlek li Ċiranu, li qiegħed Għawdex, bagħat igħidli li għoddu wasal biex jikxef id-deheb li jinxtorob?"

"Iva," qal Pintu, "kieku naħfirhielu tar-ramel iswed, u ntih, biex inwieżnu, kieku kelli, il-minjeri tad-deheb li kien wegħedni."

"Jeħtieġ, bagħat igħidli, li sa tmint ijiem oħra mmur insibu Għawdex. Sa dak in-nhar ir-re Teodoru jkun wasal, u għalhekk dak li għandna nagħmlu nfittxu nagħmluh."

"Iva, iva," wieġeb il-Grammastru, "dak li għandna nagħmlu, infittxu nagħmluh. Il-Konti De Gabalio kiteb ġa ħafna fuq dan, u sal-għomi bdew jaraw. Vivaldi ssemma biżżejjed fl-Italja; isemmu wkoll ċertu Konti ta' San Ġerman li qiegħed idur id-dinja. u jgħidu li fi Sqallija wieħed żagħżugħ minn Paliermu jismu Cagliostro qiegħed jagħmel l-egħġubijiet. Mulejja, jekk għandu ħaddieħor jikxef il-biċċa qabilna!"

"Ħadd iktar ħliefna ma jaf x'hemm taħt il-ħaġra ta' Korsika, ħadd ma hu jistenna r-re Teodoru, u anqas ħadd ħliefek ma jkun Re tal-Gżira li għandu. Int, Monsinjur, ma tmut qatt."

*Immorru magħhom Għawdex għand is-saħħar Ċiranu.*

Għawdex fih ħafna ħwejjeġ x'wieħed jara, imma l-ebda ħaġa ma tgħaġġbek ħlief il-fdal ta' bini qadim li jiġi għal nofs il-gżira bejn in-Nadur u x-Xagħra: ħerba li ġġib l-isem ta' Ġgantija. F'post l-iktar imwarrab ta' dik il-Gżira, f'beraħ jikwi bix-xemx, dik il-ħerba bla wens ta' ħadd, fdal ta' żminijiet ewlenija, għadha ġġiblek, meta taraha, bħal tkexkixa. Fi żmienha dil-ħerba kienet tempju tal-Feniċi mogħti lill-alla falz Astart. Il-lum ma fadalx minn dana kollu ħlief ħaġar ta' kobor li ma bħalu fuq xulxin waħda mit-tul, l-oħra mill-wisa', li l-ebda saħħa ta' bniedem ma għandha ħila tqanqal biss waħda minnhom. Hemm xi ħitan hekk mibnija li fihom minn għaxra sa tnax-il-pied ħxuna; u għadu wieħed jista' jara qalb godds ħaġar, kif kienu l-pedamenti, u li il-għamla tat-Tempju iktarx kienet imxattra. Kien fiha tliet kmamar kbar, l-ewwel waħda magħmula kwadrata fuq ġenb, u bin-nofs dawra fuq l-ieħor, it-tieni, kwadrata tawwalija, u l-aħħar waħda, imdawra.

Iżda l-waħx li kien iġiblek dan il-post fi żmien Pintu kien l-iktar imħabba li n-nies kienet għadha tiftakar li xi nisa u tfal, li kienu nġabru hemm ġew fi żmien it-terremot il-kbir, li kien riegħed iż-żewġ gżejjer ħamsin sena qabel, ma reġgħux ħarġu. In-newwieħa biss, nisa li kienu jmorru, jibku fuq il-mejjet, għall-flus, kien ikollhom il-ħila jidħlu hemm ġew, u mhux iktar minn darba biss fis-sena: huma kienu jxerrdu hemm ġew weraq tar-rand, egħliem ta' faraġ, u kienu jaqbdu jibku u jixhru kemm għandhom saħħa u ħila. Wara żmien imbagħad ħadd ma baqa' jissogra jersaq lejn dak il-post għax bdew jilmħu dawl jixgħel il-lejl kollu—il-lampa li biha kien jinqeda fil-ljieli tas-sahra tiegħu l-waħxi saħħar Ċiranu li kien ġie minn Tripli.

Meta l-Grammastru Pintu u l-Balliju d'Aquila waslu wħudhom f'nofs dik il-ħerba, ix-xemx kienet nieżla wara l-għolja taż-Żebbuġ biex wara ftit ħin tgħib wara San Dimitri. Ir-raġġi tagħha li kienu għadhom jaħarqu, kienu niżlin bil-medda fuq il-Ġgantija, li l-ħaġar kbir tagħha kien jitfa' 'l hawn u 'l hemm id-dell tiegħu. Il-gremxul kien jiġri kif jilmaħhom u jistaħba fix-xquq wesgħin tal-ħitan; siġar tal-ħarrub kollhom għoqod kienu ħerġin minn qalb il-blat maqsum b'zokkhom, u s-silla mnibbta 'l hawn u 'l hemm fuq dik l-art taflija kienet għadha wieqfa bil-ward tagħha jħammar.

Iż-żewġt ixjuħ daħlu fil-kamra t-tonda u qagħdu bil-qiegħda fuq qofol maqtugħ minn mal-ħitan.

Baqgħu ħiemda, la naf għax kienu għajjenin mill-mixi, la naf imħabba l-waħx li qabadhom f'dik il-ħemda tal-post, u mħabba li raw ix-xejn tagħhom ħdejn dik it-tifkira li tixhed il-mogħdija ta' razza oħra ta' nies, inqas imħabba l-biża' li wieħed iġarrab meta jasal il-ħin li tkun mitmuma ħaġa mixtieqa.

Sa fl-aħħar il-Balliju, li qabel xejn stħarreġ b'għajnejh lil Pintu, qam u resaq lejn bħal għar li d-daħla tiegħu kienet dak iż-żmien fil-qatgħa tonda li kienu daħlu fiha; qabad ħaġra f'idu u beda jħabbat biha fuq waħda mill-koxox tal-bieb tal-għar li bdiet tagħmel il-ħoss ta' nħasa. Ta seba' daqqiet ta' ħin wieħed bejn waħda u l-oħra u reġa' mar, jimxi lura, joqgħod wieqaf maġenb il-Grammastru, li, huwa wkoll, qam bil-wieqfa, għax fil-ħin deher xi ħaġa.

Minn qiegħ il-għar ħareġ wieħed xiħ, liebes l-abjad, wiċċu maħruq bix-xemx, imnifsejn wesgħin u merfugħin il fuq, għajnejh iwaħħxu, u l-leħja twila tiegħu milwija għal wara spallejh. Kellu f'rasu kappell tal-ġummar, u ma' qaddu ħżiem tat-tiben tar-rbat. In-naħa ta' fuq qalbu, meħjutin ma' ħwejġu, kellu ħafna snug, li jfissru xi ittri, u ħafna kwiekeb; u f'għonqu ħannieqa tal-ħaġar prezzjuż imdendla ta' ħafna lewnijiet; ħaġar li kull waħda minnhom kien fiha mnaqqax il-qawwa tal-kewkba tax-xuxa li kienet taħkimhom.

Hekk liebes, bf'idu x-xellugija qarraba magħmula bi tliet kantunieri, mimlija bin-nida, u fil-leminija biċċa qasba niexfa li fit-tarf tagħha kellha vajlora tal-metalli kollha, bies il-għatba tal-għar; imbagħad, wara li neħħa minn riġlejh iż-żarbun, igedwed kliem li ma jiftihemx, resaq, jimxi lura, ħdejn qofol li kien mixħut f'nofs il-qatgħa, u beda biex ħażżet madwar dik il-blata, sebat ixbar bogħod, tliet dawriet waħda ġewwa l-oħra. L-art, waqt li kienet qiegħda tisma' mis saħħar, kienet donnha tagħmel weħidha, imkexkxa, ix-xbihat li hu kien iħażżeż.

Hu ħaffer l-ismijiet tal-għorrief sewwa li għexu fil-mitt sena li kienet miexja kemm ukoll ta' dik is-sena, ta' dak iż-żmien, ta' dak ix-xahar, ta' dak in-nhar, ta' dak il-ħin. Imbagħad qiegħed il-qarraba f'nofs id-dwawar u kixefha. Ftit wara, Pintu u l-Balliju lemħu jaqgħu ġewwa fih ħames żerrigħat tal-qara'-aħmar. L-għaref refagħhom kollha, xeħet tnejn minnhom f'widnejh, waħda f'ħalqu, għaddas l-oħra fil-qarraba, u l-ħames waħda tefagħha barra mid-dwawar.

Hekk kif iż-żerriegħa ħarġet minn idu, mill-għar ħarġu tliet annimali: dib, ballottra u għasfur li hu messhom bil-

qasba li kellu f'idu u li malajr dañlu fid-dwawar waqt li għajtu għajta li twaħħax.

Hu fetaħħom b'sikkina tar-ram; imbagħad, wara li qalgħalhom qlubhom, geżwer kull qalb ġewwa tliet werqiet tar-rand u belagħhom. Ħa l-fwied, u għasru ġewwa qarraba oħra magħmula b'sitt kantunieri. Wara, imbagħad, għamel daħna. Ħawwad id-demm u n-nida fil-qarraba ta' tliet kantunieri; għaddas ġewwa fiha ingwanta tal-parċmina virġni li mbagħad qiegħdha f'idu l-leminija, u wara erba' jew ħames tnehidiet qawwija, għalaq għajnejh isejjaħ lil xi spirti. Ma kien, tista' tgħid, iċaqlaq xejn xofftejh; madanakollu l-Grammastru u l-Balliju kienu jisimgħu ġewwa griżmejh tgedwid bħal ta' ħafna nies f'daqqa. Hu deher jinqata' minn l-art mogħla xiber, u kultant kien iwaħħal għajnejh fuq sebgħu l-werrej tax-xellugija. Wiċċu kien jitbergħen u huwa kien jidher qiegħed ibati tbatija l-iktar ħarxa.

Fl-aħħar, wara ħafna tkagħwix aħrax waqa' jingħi għarkubbtejh; imma malli lissen xi kliem li ħadd ma jifhmu, stejqer, qiegħed f'ħalqu l-qasba min-naħa tal-vajlora, imtedd b'wiċċu lejn il-Lvant u raqad.

Ħemda kbira u waħx waqa' dak il-ħin ma' dawk id-dwar, u donnu l-ħolqien, fis-skiet tiegħu, kien huwa wkoll jistenna xi ġrajja kbira.

Wara ftit minuti, l-għaref qam bilwieqfa, imma dejjem midfun fin-ngħas. Dar in-naħa ta' fejn kienu qegħdin mistagħġbin u mbeżżgħin il-Grammastru u l-Balliju d'Aquila u newwel għal fuq idejhom idu l-waħda hekk kiesħa li subgħajhom baqgħu bħal mejta. Għajnejh baqgħu magħluqin, imma fetaħ qalbu u f'dak is-skiet hekk kbir samma' bħal ħurħara li xejn ma kellha minn leħen ta' bniedem.

"Il-lejl daħal f'daqqa," qal, "u jiena qiegħed nara l-kwiekeb jiddu fis-sema b'dawl li jgħammex il-għajnejn: il-qamar, kwinta; imma iżjed mgħajjar mis-soltu. Kifes diġa tliet darbiet, tliet darbiet ħareġ mid-dawra tiegħu, u bħal issa madwarı hawn dlam ċappa. Tarax li dawl abjad u ċar qiegħed ikeċċi dan id-dlam tad-dwejjaq. F'nofsu jidher żagħżugħ b'riġlu l-lemin fuq ajkla, bix-xellug fuq tigra. Is-sliem għalik, ja sultan l-iħirsa."

Is-saħħar raġa' lura tliet passi, u, dejjem megħlub minngħas, qata' tliet xagħriet minn rasu; waħda minn fuq ġbinu u t-tnejn l-oħra minn fuq nagħsu, farfarhom fl-ajru.

"Is-sliem għalık, ja sultan l-iħirsa! Iva, aqbad f'idek ittliet qarrabiet li int ressaqtli quddiemi: wieħed fih żejt ilħaġar, l-ieħor fih polvrı, it-tıelet wieħed fih duħħan magħqud

bħan-nida. F'dan issa int għandek il-lum tressaqli quddiemi d-deheb għax-xorb ! Iva, fhimtek, dak li jkollu f'idejh wild il-kbir sigriet, ħaġret-il-għerf, ikollu setgħa kbira fid-dinja! Iva, qiegħed nisimgħek: biex dan ix-xogħol hekk kbir iseħħ, jeħtieġ wieħed iħaddem fih ċomb, ħadid, antimonju, soblimat, arġentuvivu ilma, trab, arja . . .

"Iva, jiena naf li hemm bżonn tad-deheb, ħafna deheb! imma fejn wieħed isibu? F'Korsika ! F'Korsika tassew? Għid! Mela f'Korsika l-ilma tax-xemx għandu joħroġ millblata samma ? Mela f'Korsika li jeħtieġ wieħed iħabbat fuq il-blat samm bil-ħatar ta' l-egħġubijiet tal-profeta ! Hemm li jrid wieħed iwieżen ir-reffiegħa li għandha tqanqal id-dinja!"

Is-saħħar, li kien dejjem miexi lura bil-mod il-mod waqt li dawn il-kelmiet, kemm kemm jinstemgħu, kienu jaqgħulu minn xufftejh, kien wasal f'nofs il-kamra u daħal ġewwa d-dwawar tas-seħer.

Hemm ġara li hu laqat b'tarf il-qasba l-qarraba ta' tliet kantunieri, u f'daqqa waħda fetaħ għajnejh bħal wieħed li jistenbaħ, tbaxxa jħares lejn il-qarraba mimlija bid-demm u bin-nida, u hekk kif fela tajjeb dik it-taħlita, qam imkexkex.

"Ja Sidi," qal, "arġa' lura lejn Malta tiegħek, lejn beltek, lejn darek! U, bħala rahan tas-sewwa ta' kulma smajt minn fommi, inħabbarlek li qabel iż-żerniq ta' għada inti tkun ħlist minn ħalq il-mewt !"

*Waqt li Pintu kien qiegħed iħabbel rasu b'dawn il-frugħat kollha, l-irsiera kienu qegħdin jiftiehmu ġmielhom biex jieħdu 'l Malta taħt idejhom!*

*Isimgħu lil Dimitri l-Persjan u lil Karmaħmed l-Iswed:*

Dimitri kien qiegħed itenni lil Karmaħmed dak li kien jaf minn qabel: wieħed mir-rsiera torok, li kien qiegħed mal-Grammastru bħala kamrier u li Pintu kien iħobbu wisq, kellu jidħol fil-kamra tas-Sultan, jaqtagħlu rasu u jperriċa fil-gallarija l-kbira tal-Palazz.

Din l-ewwel ras maqtugħa kellha tkun il-qaddis miftiehem biex l-irsiera joqtlu lil sjiedhom. Dawk li jeħilsu minn din il-mewt, jeħlu f'oħra aktar ħarxa. Kien ingħata xi velenu lill-irsiera mdaħħlin fil-kċejjen tal-palazz u tal-Bereġ tal-Lingwi biex il-Kavalieri li jkunu kielu hemm dak in-nhar javvelenaw rwieħhom.

Malli tidher fil-gallarija tal-palazz ras Pintu maqtugħa, irsiera oħra kellhom jidħlu l-Palazz mill-erbat ibwieb u, megħjunin minn dawk ta' ġewwa, jaħtfu l-armi minn idejn il-għases, jidħlu fl-armerija u jqassmu l-armi qalb sħabhom li jkunu qagħdu lesti qrib il-Palazz u jkunu ġrew għal fuq il-post fil-waqt. Hekk mgħammrin bl-armi kellhom iwaqqfu ħafna kumpanniji u jikkapparraw it-tlitt ibwieb tal-Belt: Puturjal, tax-Xatt u ta' Marsamxett, kif ukoll tat-Tarzna, ta' Forti Sant'Jermu u taż-żewġ torrijiet Kavalieri li jħarsu fuq il-Furjana.

Meta jkunu ħadu dawn il-postijiet kollha jagħmlu s-sinjal miftiehem lill-imġiefen ta' Barbarija. Huma kienu mgħarrfin bil-konfoffa,u bil-għajnuna tagħhom biss kien jista' jseħħ il-ħsieb tar-rsiera: għax kif qatt kien jista' jkun—u Dimitri qal ukoll—li n-nies tar-rvell, uħudhom, kienu jistgħu jżommu taħt idejhom għal żmien twil Belt bħal dik hekk qawwija?"

Dimitri tħaddet fit-tul: Karmaħmed kien iwassal kliemu għand ir-rsiera; Dimitri ma kienx jehda jgħid, u kien jitkellem bħal dak li jintebaħ li kliemu ma hux mismugħ bil-qalb kif jixraq.

"Niftiehmu," qal biex jispiċċa; "int, dak li jien ħsibt u rajt nagħmel, ma jogħġbokx ewwilla, għid Karmaħmed? ma tmurx, meta jasal il-waqt, fl-aħħar siegħa, tarġa' lura milli ftehemna?"

"Ja sidi," wieġeb l-iswed u refa' driegħu lejn id-dar ta' Giakaja, "ej nidħlu hawn, jekk ittini dak li nitolbok, tara mbagħad jekk Karmaħmed meta jasal il-waqt jafx iżomm kelmtu."

. . . . . . . . . . . . . . .

"Ja sidi" qallu, "int ħabbejt lil Żelina;jiena kont inħobbha dak iż-żmien bħalek; iżda sakemm damet l-imħabba tiegħek, jiena rażżant lil tiegħi ġewwa qalbi. Il-lum int ma għadekx tħobbha u jiena għadni. Giakaja qaltli, meta kellimtha fuqha, li inti għad għandek fuq is-Sewda r-riħ ta' dari. Dak li int ma tridx għalik, għadu tajjeb għalija. Jiena rrid b'għarusa lil Żelina. Dan li ġejt nitolbok dalgħodu bi ħlas tal-bxara li inti kont qiegħed fuq ix-xwiek tismagħha: b'hekk ridt kieku mpatti l-ħeġġa tiegħi, u skond il-kelma li tajt, li tagħti lil min jiġi l-ewwel itik il-bxara tal-wasla tal-Kavalier d'Alerja f'Malta, kulma jitolbok."

Dimitri kien dak il-ħin qiegħed f'dagħdigħa kbira fuq l-imħabba tas-Sewda għan-nepputi tas-Sultan; imma ħadd ma' jista' jgħid bil-kliem kif ħass demmu jxegħbu u jbaqbaq ġewwa sidru, xħin minn Kavalier ta' l-Ordni li Dimitri kien qiegħed jitmarmar għalih ġewwa qalbu, isib quddiemu l-iswed, żawwali tal-ħabs; xħin jisma' ħerġin waħda waħda, bħala ħafna tbajja' maħmuġa fuq l-imħabba tiegħu, il-kelmiet ta' dak ir-raġel, u xħin jara x'bhima ta' bniedem kellu jkollu x'jaqsam miegħu fin-namur tiegħu.

La naf għax kien imdagħdagħ fuq li ma raqadx bil-lejl. jew imħabba d-dwejjaq li kien fihom igħaddi ħajtu, inqas għax qalbu weġġħetu għal dik il-kelma ta' l-Iswed, it-tweġiba li ħarġet minn fommu kienet qalila.

"Int, ja biċċa ta' bhima, wiċċ ikrah bħalek," qallu, "tgħid li tħobb lil Żelina? Ħaqq Mawmettu, jekk naf li tħares lejha," qallu b'subgħajh ġo wiċċu, "naqlagħlek għajnejk barra b'dan l-istallett! Jekk naf li minn dak il-moqżież fommok joħroġ biss isimha, naqtagħlek ilsienek barra! u jekk għandek qalb, kif qed tgħid, li għandha ħila tħobb lil dik ix-xebba, inniffdlek sidrek b'din ix-xafra u nisletħielek b'ruħek u kollok."

L-iswed intefa' lura waqt li qaleb qalba għajnejh fuq l-ieħor ta' l-ikbar mibegħda.

"Ħajti," qallu, u ħareġ minn ħobbu stallett, "ma tikkmandahiex int, Dimitri, għax għad għandi idejn biex niddefendiha! Imma, ħaqq Mawmettu, kif ħlift int, irsir kif int bħali, ħajtek qiegħda f'idejja, għax jien naf is-sigriet tiegħek."

Dimitri ra malajr li ttarraf iż-żejjed, bħal dak li jara nieżla fuq għonqu x-xafra tal-bojja, u sibel bħal tigra u ħebb għal Karmaħmed.

"Ja kelb!" għajjat b'leħen maħnuq; "ja kelb, hawn sejjer noqtlok!" U hawn infitlet taqbida ħarxa bejn dawn it-tnejn min-nies, bl-armi f'idejhom, qabdu f'xulxin iħaddnu wieħed lill-ieħor, sider ma' sider, riġel ma' riġel, jinbarmu wieħed ma' l-ieħor bħal żewġt isriep. Għall-ewwel baqgħu għal ftit sħaħ fuq riġlejhom, imbagħad tmejlu u tbattew fl-art biex reġgħu qamu u qabdu mill-ġdid f'xulxin. It-tnejn saru qatta waħda tintafa' minn hawn għal hemm, tiltewa, tinbaram, taqa' u tqum. Fuq irjushom, żewġ dirgħajn merfugħin, żewġ idejn, żewġ stalletti li kienu jheddu lil xulxin iċekċku wieħed ma' l-ieħor. Sa fl-aħħar it-tnejn waqgħu fl-imkien jitgerbbu ma' l-art. Dak li ġie minn fuq isib ruħu malajr minn taħt. Issa fuq ir-riħ wieħed, issa fuq ir-riħ

l-ieħor. Hawn bdew jegħjew għax iċ-ċaqliq tagħhom beda iktar bil-mejjet, il-leħġa ta' sidirhom iktar sfiqa u tinstema'. Sa fl-aħħar Dimitri jitfa' taħtu l-iswed, u jżommu hekk għal ħin twil, l-egħja ġġagħalhom jieqfu mill-ġlied. Dirgħajhom mibruma ta' wieħed ma' l-ieħor ma jistgħux jinfirdu. Dimitri jinħall minn ma' l-ieħor, jarfa' driegħu u l-istallett. Għandu l-ħila jidrob? Hu newwel id-daqqa! Imma l-iswed sgiċċa minn taħt id-daqqa u x-xafra ta' l-istallett marret tolqot iċ-ċangatura u nkisret. Iż-ċewġt irġiel jintefgħu mill-ġdid fuq xulxin; iżda did-darba mhux Karmaħmed: Dimitri jiġi minn taħt, Is-snien bojod ta' l-iswed, għajnejh u l-istallett ileqqu fl-istess ħin fuq ir-rsir; bl-istallett f'idu, bi driegħu merfugħ, sejjer u kollox inizżel id-daqqa. . . . .

Hawnhekk driegħ sħiħ jaħfen dak ta' l-lswed, jaħtaflu minn idu l-istalett, u jiġbed lura lil Karmaħmed. Dimitri li sab ruħu ħieles qam, kif kien għamel ukoll l-Iswed, ittnejn mingħajr armi, it-tnejn iħarsu biex jaraw min hu dak li daħal fuqhom. Kien raġel imdaħħal fiż-żmien, liebes bħan-nies tal-Lvant, bla ma tista' tgħid mnejn hu u millbixla tiegħu bniedem tar-rispett.

Lill-Iswed urieh b'sebgħu l-bieb ta' barra li kien baqa' miftuħ beraħ, u dak kutu kutu bla ma merieh xejn ħareġ il barra

Imma dak ix-xiħ, li sa dak il-ħin żamm lil Dimitri minn driegħu, wera lil dan xi kewkba, kemm kemm tidher, fis-sema.

"Ibni," qallu, "demmek ibaqbaq ġewwa fik. Ibaża' millqilla tal-kwiekeb. Int, ja rsir, int tmut fuq xini."

*Sewwa kien qallu s-saħħar lis-Sultan Pintu. Dak in-nhar li ġie minn Għawdex u waqt li kien qiegħed jiftiehem mas-Sultan Teodor, li kien Malta taħt l-isem tal-Baruni De Neuhof, fuq il-bejgħ ta' Korsika—bejgħ li ma seħħ qatt—Karmaħmed kien qiegħed jikxef kollox. Arrestaw minnufih lill-ewliena fost ix-xewwiexa u "l-kanuni tas-sûr tal-Barrakka t'isfel flok għal fuq il-port dawruhom għal fuq il-ħabs tar-rsiera", bdew it-torturi u wieħed jikxef l-ieħor, kollha ġew maqbuda u ħadd ma ħelisha b'wiċċ il-ġid, ħlief il-Baxa li kellu r-riħ ta' Franza li dik il-ħabta kienet ħabiba ma' l-Ordni Ir-rsir tax-xwieni, li kien indaħal għal din ir-rewwixta biex jitħallas mill-Ordni u minn d'Alerja, issa, li sab ruħu mikxuf, xela lil Zelina: gideb fuqha li kienet fil-konfoffa. D'Alerja jitħabat biex jeħles lil Żelina, Gejtana titħabat biex teħles lil Dimitri, li kienet ittajret warajh. Żelina ħelsitha bis-saħħa ta' d'Alerja li nqeda*

*bil-grazzja li kienet irnexxielha tikseb is-sinjura Ġinwiża għal Dimitri. Araw kif spiċċaha Dimitri:*

Daqs mija u ħamsa u għoxrin irsir marru jħallsu d-delitt tagħhom taħt idejn il-bojja. Tnejn kienu mietu bis-swat u t-torturi li tawhom, wieħed kien inqatel b'idejh il-ħabs; ħafna oħra li tgħammdu nsara, kellhom imutu waqt li jistqarru l-ikbar indiema; fost dawk li baqgħu rashom iebsa għar-reliġjon tagħhom, kien hemm xi wħud li b'xejn ma setgħu jdawruhom. Dimitri kien wieħed minnhom.

Hu ħareġ mill-ħabs frisk bħal warda; qasam il-belt hu biss li fost l-ikkundannati kien meħud lejn il-port, u kien jidher hekk sbejjaħ fiż-żgħużija tiegħu, fil-ħlewwa tiegħu u fil-barma tiegħu li n-nisa, huwa u għaddej, kollha tgħaxxqu bih.

Imma hu ma kienx iħares ħlief lejn is-sema.

Hekk kif wasal ix-xatt, dgħajsa miksija bl-iswed u bil-għases fuqha tal-Gran Viskont ħaditu lejn ix-xwieni; imma xħin medd riġlu fuq il-Kaptana, u dawwar wiċċu n-naħa tax-xemx, għajnejh waqfu fuq il-loġoġ tal-Barrakka. Għad li kien bogħod, għaraf taħt waħda mil-loġoġ lil wieħed xiħ liebes bħall-għarab.

Dak il-ħin ix-xiħ rafa' idu fil-għoli bħalli kieku biex juri xi kewkba li ma tidhirx—Hu kollu kemm hu! dak kien l-istess sinjal li kien għamel meta darba ħabbarlu x'għad igħaddi minn għalih u li kien qiegħed isir. "Irsir," kien qallu, 'inti tħalli ħajtek fuq xini!' Dimitri sellimlu bħall-Għarab, billi għamel idu fuq ġbinu.

Ħadd ma ntebaħ lil min sellem, imma xħin dar lejn Sant'Anġlu, u sellem, kulħadd fehem li dik it-tislima kienet lill-Baxa ta' Rodi li kien kemm kemm jidher ġewwa t-tieqa tat-Torri.

Intant Gejtana kollha mbergħna kienet baqgħet weħidha fis-sala tal-Palazz Laskri, wara li ħareġ il-Kommendatur ta' Filfla.

Kienet qiegħda thewden fuq Dimitri, issa titħasseb li d-dawret, issa tistħajlu dieħel ħdejha kollu ferħan: u hekk bla kwiet f'ġisimha kienet tiġri minn kamra għall-oħra sakemm għajjiena hija u sejra lejn il-gallarija bħal ħassha ħażin u xteħtet fl-art poġġuta mal-balavostri.

Kienet hekk f'dik it-telqa x'ħin ħoss li nstema' fuq il-baħar ġagħalha ddawwar wiċċha.

L-erba' xwieni kienu dejjem weqfin, bir-rsiera taċ-ċorma dejjem għarkobtejhom u xuxa, b'erba' xpruni dejjem flim-

kien: imma issa dgħajsa miksija bl-iswed kienet qiegħda taqsam il-port.

Id-dgħajsa waqfet. Żagħżugħ nofsu mnażża' deher ħiereġ b'għonqu u spallejh barra, u tala' abbord tal-Kaptana. Għadu żagħżugħ, għadu fl-aħjar tiegħu....dak Dimitri.

"Mulejja, niżżik ħajr. Dimitri salv" Hekk ħasbet Gejtana li minn għaliha kull min kien hemm għall-mewt ħaduh Sant'Jermu.

Imbagħad xħin ir-rsir sellem lix-xiħ li kien il-Barrakka, ħasbet li raha u sellem lilha, għad li kienet wara l-Balavostri, u qamet bil-wieqfa biex jaraha sewwa. Imma r-rsir kien ġa dawwar wiċċu lejn Sant'Anġlu u minn bejn il-ħadid tat-tieqa tat-Torri wieħed xiħ donnu qiegħed ibierek kien b'idu wkoll lejn Dimitri.

"Iva, iva," bdiet tgħidlu, "salvajtek. Dimitri, qalbi, salvajtek."

Imma r-rsir qasam il-gverta kollha tax-xini u resaq kollu fuq ruħu matul l-ixprun tal-Kaptana u hekk kif wasal fit-tarf, waqaf fejn imissu l-erba' xpruni magħqudin ma' xulxin għal tapposta.

Billi kull xprun kien ta' tmintax-il-pied tul li jibdew mill-pruwa, ir-rsir sab ruħu dak il-ħin għalih waħdu, bejn is-sema u l-ilma, fuq ftit piedi wisa', pedistall jew forka, b'mod li kulħadd minn kull naħa jista' jarah.

Gejtana li ma qalgħetx għajnejha minn fuq Dimitri rat, bla ma setgħet tifhem għala, li kienu qegħdin jorbtulu tajjeb dirgħajh u riġlejh kull ħaġa għaliha, u li l-erba' ħbula kienu qegħdin jorbtuhom wieħed ma' kull xprun tax-xwieni.

Ix-xemx kienet qiegħda tgħib, u l-baħar fietel fis-sħana tax-xemx kien donnu żejt.

F'daqqa waħda ma' sinjal li ngħata u ma tefgħa talqaddiefa, ix-xwieni tħarrku u mxew salib.

Gejtana rat lil Dimitri jaqa' u jgħib. L-ilma nżebagħ aħmar f'daqqa, għax pruwa ta' kull xini kienet ġibdet magħha biċċa minn ġisem ir-rsir. Dimitri ġie maqsum f'erbgħa bejn erba' xwieni.

*Ukoll Żelina spiċċatha ħażin għax intemmet minn idejn Gejtana bl-istess stallett ta' Dimitri.*